# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 937/2013 MH**

**Illum, 23 ta' Ottubru, 2020**

**Darren Degabriele [K.I:280079(M)], li b' digriet tat-28 ta' Novembru 2014 il-Qorti awtorizzat lil Carmelo Degabriele, Josephine Degabriele, Malcolm Degabriele u Mireille Degabriele jassumi l-atti f' isem id-defunt Darren Degabriele**

**Vs**

**Daniel Farrugia [K.I: 557879(M)]**
**U Dolphin Industrial Services Ltd C-28232**
**U DARANI Investments Ltd C-51206**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat**[1] ta' l-attur Darren Degabriele li gie prezentat fl-1 ta' Ottubru 2013 li permezz tieghu espona:

[1] Folio 1

1. *"Illi Darren Degabriele kien gie avvicinat minn Daniel Farrugia sabiex flimkien jibdew jahdmu fin-negozju tal-fuels.*

2. *Illi Darren Degabriele kellu esperjenza kbira f'dan il-qasam filwaqt li Daniel Farrugia ma kellu ebda esperjenza u kien ghalhekk li kien avvicina lil Darren Degabriele.*

3. *Illi Darren Degabriele kien accetta li jghin lil Daniel Farrugia u fil-fatt ghamel hafna xoghol sabiex Daniel Farrugia jkun jista jibda jopera f'dan il-qasam bl-intiza cara li r-rikorrent u Daniel Farrugia kellhom ikunu shab f'dan in-negozju. Bejn Darren Degabriele u Daniel Farrugia kienu gew skambjati abbozzi dwar kif kellu jigi rregolat in-negozju ta' bejniethom, izda l-partijiet qatt ma waslu biex iffirmaw ftehim bil-miktub minkejja li kien hemm qbil bejnithom dwar kif kellu jsir in-negozju.*

4. *Illi Darren Degabriele pprovda lill-intimati diversi ghodda, makkinarju u materjali (vide Doc A) sabiex il-partijiet ikunu jistghu jibdew in-negozju li kellhom jaghmlu.*

5. *Illi s-socjetajiet intimati huma kollha socjetajiet li jaghjtu lill-intimat Daniel Farrugia u li l-istess Daniel Farrugia ghamel uzu minnhom fin-negozjati mar-rikorrent u fil-preparattivi li kienu qed isiru sabiex il-partijiet jaghmlu xoghol fil-qasam tal-importazzjoni tal-fuels.*

6. *Illi jirrizulta lir-rikorrent li l-oggetti minnu pprovduti huma fil-pussess u sar uzu minnhom mit-tlett intimati anke jekk ukoll ghal uzu li ma kellu x'jaqsam xejn man-negozju li kellhom jaghmlu flimkien il-partijiet.*

7. *Illi jirrizulta lir-rikorrent illi wara li huwa ghamel tant xoghol sabiex l-intimati ikunu jistghu jibdew joperaw fil-qasam tan-negozju tal-fuel l-istess intimati jridu jzommuh il-barra minn tali negozju u jcahhduh minn dak spettanti lilu.*

8. *Illi r-rikorrent interpella lill-intimati sabiex jirritornawlu l-oggetti u materjali pprovduti minnhom jew ihallsuh kumpens ghall-istess u sabiex ihallsuh ghas-servizzi rezi minnu lilhom izda huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess, r-rikorrent umilment u bir-rispett jitolob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna lil Daniel Farrugia, Darani Investments Limited u Dolphin Industrial Services Limited jew min minnhom sabiex jirritornaw l-ghodda, l-makkinarju u l-materjali konsenjati lilhom minn Darren Degabriele*
2. *F'kaz li dak mitlub fl-ewwel talba ma jistax jigi mwettaq, tillikwida occorendo permezz ta' periti nominandi, l-valur ta' tali oggetti u konsegwentament tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.*
3. *Tiddikjara lill-intimati in solidum bejniethom bhala responsabili ghall-hlas ghas-servizzi rezi lilhom mir-rikorrenti.*
4. *Tillikwida occorrendo permezz ta' periti nominandi kumpens xieraq spettanti lir-rikorrenti ghas-servizi rezi minnu lill-intimati.*
5. *Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom ghall-hlas tas-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1368/13 u tal-mandat t'arrest ta' bcejjec tal-bahar bin-numru 1364/13 JAipprezentati kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni u bl-imghax dekorribli skont il-ligi.*

*B'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti fil-ligi."*

Rat **ir-risposta guramentata**[2] tal-konvenuti kollha li giet prezentata fis-16 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha esponew:

*"Id-domandi attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, inter alia, minhabba r-ragunijiet li sejrin jigu hawn isfel elenkati –*

1. *Illi b' mod* ***preliminari*** *u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-attur m' ghandu l-ebda kapacita' processwali li jressaq f' ismu proprju din l-istanza u, ghalhekk, m' ghandu l-ebda interess guridiku f' din l-istanza. Fil-preparamenti ta' l-eventwali negotium, u kif ser jigi muri fil-kors tal-kawza, l-attur kien qed jidher dejjem bhala direttur, ghan-nom u in rapprezentanza ta' socjeta' kummercjali, bl-isem ta' "Degabriele Fuels Limited (C56889)" u mhux f' ismu personali.*

2. *Illi ukoll b' mod* ***preliminari****, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u dawk rimanenti, Daniel Farrugia proprio u s-socjeta' "Dolphin Industrial Services Limited" ' ghandhom l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur stante li fil-preparamenti tan-negotium li kien ser isehh, dawn sehhew ma' "Darani Investments Limited"tramite l-operat ta' Daniel Farrugia ghan-nom ta' l-istess socjeta' u dan peress, u inter alia, li l-bastiment "MV Kara", gja' "MV Humber Star", hu proprjeta' ta' din l-ahhar imsemmija socjeta'. Ghaldaqstant, Daniel Farrugia proprio u s-socjeta' "Dolphin Industrial Services Limited" ghandhom jigu*

[2] Folio 18

*mmedjatament liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.*

3. *Illi, b' mod **preliminari** u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ta' qabel din u dawk rimanenti, l-attur ghandu jindividwa u/jew jindika dik id-disposizzjoni tal-Ligi li fuqha qed isejjes l-azzjoni tieghu u anke dik li fuqha qed jitlob ir-rimedju mistenni. Illi hawnhekk l-eccipjenti jirrizervaw il-jedd taghhom li jqanqlu l-eccezzjonijiet pertinenti u lilhom kompetenti meta l-attur jindividwa sewwa sew in-natura ta' l-azzjoni u rimedju domandat.*

4. *Illi, fil-**mertu** u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ta' qabel din u dawk rimanenti, l-istanti eccipjenti ma jistghux jifhmu x' servizzi presta l-attur, x' inhu l-"hafna xoghol" li wettaq l-attur u ghal xiex effettivament ghandu jithallas. Ghaldaqstant, ai termini ta' l-Art. 562 tal-Kod. Proc. Civ., l-attur hu tenut igib provi konkreti, sufficjenti u tajbin bizzejjed, ex Art. 558 u 559 tal-Kod. Proc. Civ., li jikkjarifikaw il-pretiza tieghu. Illi hawnhekk l-eccipjenti jirrizervaw il-jedd taghhom li jqanqlu l-eccezzjonijiet pertinenti u li jikkompetu lilhom meta l-attur jindividwa sewwa sew il-pretiza tieghu.*

5. *Illi, fil-**mertu** u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ta' qabel din u dawk rimanenti, l-ghodda, il-makkinarju u materjal (elenkat fid-dokument anness mar-rikors mahluf) huma proprjeta' fi kwaoti indaqs (50%:50%) bejn il-partijiet u cio nonostanti dan, l-attur qed jippretendi li hu sid uniku ta' l-istess oggetti u li l-eccipjenti, jew min minnhom, idderubawh minnhom. In ogni caso, l-eccipjenti ma jsibu l-ebda oggezzjoni li l-oggetti rimanenti fil-pussess taghhom – gjaladarba l-attur jidher daqshekk assidwu li jehodhom – jigu ritornati nterament lill-attur. Naturalment, dan il-gest ta' l-eccipjenti qed isehh minghajr ebda ammissjoni tat-talbiet attrici.*

6. *Illi, fil-**mertu** u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ta' qabel din u dawk ohra li jafu jigu mqanqla, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi stante li l-attur*

*kien irreceda u hareg minn kull negozjar li kien ser jintlahaq u dan hekk kif ser jigi muri fil-kors tal-kawza. Ghaldaqstant, ikun ingust li l-attur jigi moghti kumpens ghal xi haga li hu stess hareg minnha volontarjament u bla ebda kostrizzjoni.*

7. *Salv id-dritt tal-odjern eccipjenti li jissollevaw eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat illi r-rikorrenti Darren Degabriele miet fis-6 ta' Ġunju 2014.

Rat illi b'digriet tat-28 ta' Novembru 2014 din il-Qorti kif diversament preseduta awtorizzat it-trasfuzjoni tal-ġudizzju f'isem Carmelo Degabriele, Josephine Degabriele, Malcolm Degabriele u Mireille Degabriele.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensur tal-atturi.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimati.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' din l-azzjoni r-rikorrenti Darren Degabriele qiegħed jitlob mhux biss li jirċievi lura l-għodda, l-makkinarju u l-materjal minnu misluf iżda jippretendi

li jirċievi wkoll riżarċiment għax-xogħol imwettaq minnu biex igħin lil intimat fl-iżvillup ta' vapur u negozzjati għal ġarr ta' fuel, żejt.

Mill-atti jirriżulta fost l-oħrajn illi r-rikorrenti huwa *self-employed* li jinnegozja l-fuels fl-ibħra internazzjonali. L-intimat Daniel Farrugia avviċina lir-rikorrenti għaliex kien interessat jixtri *tanker*. Għall-ewwel ir-rikorrenti wieġeb li ma kellux ħin għaliex kien imħabbat. L-intimat baqa' jinsisti biss ir-rikorrenti beża li jekk juri lil Farrugia kif isir ix-xogħol dan kien ser jispiċċa jaqbżu. Ir-rikorrenti talab għalhekk li Farrugia joffri depożitu fl-ammont ta' €150,000 bħala garanzija kif ukoll illi jsir ftehim dwar in-negozju. Bejn il-partijiet ġew skambjati diversi abbozzi dwar kif kellu jsir in-negozju ta' bejniethom. Madanakollu la qatt tħallset il-garanzija u lanqas qatt ma ġie ffirmat ftehim sabiex jirregolaw in-negozju b'mod formali. Jirriżulta biss illi ġie ffirmat dokument dwar għoddod u materjal li ġie kkonsenjat lill-intimat u li tpoġġa ġewwa fabbrika li l-intimat għandu f'Kordin.

Il-bastiment li ntgħażel għan-negozju kien jinvolvi spejjeż kbar sabiex jiġi ristrutturat u funzjonanti. Ir-rikorrenti wissa' lill-intimat li l-ispejjeż kienu jammontaw għal madwar €80,000. Kurt Guttridge, *naval architect,* kien tal-istess fehma.

Darren Degabriele xehed illi l-intimat kien jagħti l-impressjoni li xejn ma kien ta' ostakolu għalih u li kellu l-flus li kienu meħtieġa sabiex isiru x-xogħolijiet fuq il-Bastiment MV Humber Star illum MV Kara. Dan il-bastiment kellu jintuża għall-ġarr tal-fuels.

Mill-banda l-oħra l-intimat Farrugia xehed li kien Degabriele stess li ġennu sabiex jixtri l-bastiment. L-intimat insista li jkun jaf xi spiża kien hemm għar-ristrutturazzjoni. Jgħid li din l-ispiża kienet fil-*budget* tiegħu għalhekk aċċetta li

jixtri l-bastiment u li jawtorizza x-xogħolijiet. L-ispiża finali għax-xogħolijiet kollha ammontat għal aktar minn €450,000.

Għalkemm il-ftehim dwar in-negozju baqa' ma ġiex iffirmat, ir-rikorrenti baqa' jwettaq ix-xogħol kif mitlub mill-intimat sabiex il-vapur jiġi restawrat. Kurt Gutteridge ikkonferma li "*Degabriele kien involut ghal tul ta' zmien fil-bidu*". Ir-rikorrenti kien dispost illi jgħin diment illi jintlaħaq ftehim dwar in-negozju u l-qsim tal-profitti u spejjeż. *En passant* pero ir-rikorrenti, kif igħid hu stess, beda jintebaħ li l-intimat ma kellux il-finanzi meħtieġa. Fil-kuntest tal-fatt li kien qiegħed jiġi mħejji ftehim dwar negozju, r-rikorrenti baqa' jiddedika aktar ħin għal dan il-proġett. Silef ukoll materjali bħal pjanċi tal-ħadid li huma *marine plated* u l-għodod sabiex uħud mill-pjanċi tqattgħu u ntużaw fuq il-vapur. Ir-rikorrenti ħa ħsieb jara liema xogħolijiet kienu meħtieġa u sab ukoll il-ħaddiema li setgħu iwettqu d-diversi xogħolijiet meħtieġa. Siefer ukoll il-Libja sabiex jistabbilixxi l-kuntatti għax-xiri tal-*fuels*. Il-flus għan-negozju baqgħu ma ġewx u l-intimat baqa' ma ffirmax il-ftehim. Ir-rikorrenti għalhekk talab li jieħu lura l-pjanċi tal-ħadid, l-għodda u ħlas fl-ammont ta' €2000 fil-ġimgħa għal tminn (8) ġimgħat bħala ħlas għax-xogħol li huwa għamel fuq il-bastiment MV Humber Star illum MV Kara. Dan il-bastiment kellu jkun il-vejikolu għall-ġarr tal-fuels.

Sakemm il-vapur kien għaddej minn proċess ta' restawr, r-rikorrenti għamel diversi kuntatti fosthom ma' San Lucjan Oil Company Limited sabiex din tixtri l-fuel mingħand ir-rikorrenti. Jidher li għalkemm kien hemm abbozz ta' ftehim dan baqa' ma mmaterjalizzax.

Jirizulta' ukoll illi meta nqala' l-inkwiet bejniethom, l-intimat ried irodd lura nofs il-pjanċi tal-ħadid għaliex deherlu li nofshom kienu tiegħu u nofshom tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ma jabqilx. Jgħid illi l-pjanċi kienu kollha tiegħu biss u

li sakemm kien hemm ħsieb ta’ proġett bi sħab hu kien lest jaqsam mal-intimat. Jgħid ukoll illi la darba sfaxxa kollox jippretendi li jieħu ħwejjġu lura.

Jirriżulta wkoll illi Kurt Gutteridge ma’ tħallasx għax-xogħol li wettaq.

L-intimat xehed illi waqt li huwa minnu li Degabriele għen sabiex jinxtara l-bastiment, fl-istess waqt mhu dovut lilu ebda kumpens tenut kont tal-fatt li l-ispiża finali għax-xogħolijiet fuq il-bastiment kienet ferm aktar minn l-istima li kien taha r-rikorrenti qabel ma sar l-akkwist tal-bastiment.

Dwar il-materjal u l-għoddod reklamati mir-rikorrenti, l-intimat jgħid illi r-rikorrenti kien sab jixtri matejal u għodda bi prezz tajjeb u ħajjar lill-intimat sabiex jixtru dawn bi sħab. L-intimat aċċetta u ħareġ is-sehem tiegħu ta’ €400 u ħa ħsieb it-trasport u l-ħażna tagħhom. Jgħid ukoll illi l-pjanċi tal-metall lanqas biss kienu *marine grade* tant li filfatt, kif rikonoxxut ukoll mir-rikorrenti, dawn saddu. Minn dawn il-pjanċi xi wħud intużaw fuq il-bastiment waqt li oħrajn intużaw għal xogħolijiet oħra tal-ħadid. Meta nqala’ l-inkwiet l-intimat offra lir-rikorrenti sabiex imur jiġbor kemm il-materjal kif ukoll l-għodda iżda r-rikorrenti m’aċċettax. Il-pjanċi li għadhom ma ntużawx u l-għoddod illum jinsabu miżmuma ġewwa fabbrika bl-isem Metalfit li tinsab fiż-żona industrijali ta’ Ħ’Attard.

Hija l-fehma tal-intimat li r-rikorrenti għaġġel meta beda jikseb il-kuntatti għall-fornituri partikolarment għaliex dak iż-żmien lanqas biss kienu għadhom iffirmaw ebda ftehim bejniethom. Jgħid illi r-rikorrenti għamillu ħafna pressjoni sabiex jiffirmaw ftehim iżda l-intimat ma ħassux komdu għaliex kellu dubju dwar ir-rikorrenti. Ir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimat ixxellfet meta r-rikorrenti ra li t-tiswijja tal-vapur kienet ser tinkorri spejjeż ħafna akbar minn dawk oriġinarjament antiċipati. Għalkemm il-vapur tlesta mix-xogħolijiet kollha u ġie

*sea worthy,* illum il-ġurnata mhux mifhum x'sar minnu jew fejn qiegħed. Jidher illi dan l-istat ilu jippersisti mis-sena 2015 jew 2016.

In kawtela tad-drittijiet tiegħu ir-rikorrenti talab u kiseb mandat ta' sekwestru fl-ismijiet **Darren Degabriele vs Daniel Farrugia et** (Rik. Nru. 1368/13 JA) fl-ammont ta' €54,000 rappreżentanti prezz ta' materjal u għodda konsenjati u wżati mill-intimati kif ukoll kumpens għall-servizzi reżi lill-intimati mir-rikorrenti. Fl-istess waqt, ukoll in via kawtelatorja, kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar fl-ismijiet **Darren Degabriele vs Daniel Farrugia et** bin-numru 1364/13JA fuq il-Bastiment MV Kara.

Tajjeb jingħad illi fit-13 ta' Marzu 2014, fil-mori ta' dan il-proċediment, il-partijiet ippreżentaw nota konġunta dwar qbil fuq l-ammont ta' €54,000 għat-transazzjoni tal-kawża. Jidher pero' li din it-transazzjoni baqgħet ma avveratx. Fi stadju inoltrat tal-proċeduri reġa sar tentattiv ieħor ta' transazzjoni biss baqa' ma ntlaħaq ebda ftehim.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fil-proċeduri odjerni tressqu xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari li jekk jiġu milqugħa iservu sabiex fil-fatt iwaqqfu l-kawża.

Qabel tgħaddi sabiex tittratta l-ewwel eċċezzjoni preliminari, il-Qorti tosserva illi għalkemm fl-atti tirriżulta nota ta' transazzjoni, jirriżulta daqs tant ieħor li din it-transazzjoni baqgħet m'avveratx tant illi l-kawża tkompliet u llum il-Qorti sejra tagħti s-sentenza tagħha. Għalhekk, la darba l-partijiet baqgħu ma ttransiġewx il-Qorti trid tiddeċiedi dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet kif dedotti.

L-ewwel eċċezzjoni preliminari taqra hekk:

1. "*Illi b'mod* ***preliminari*** *u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-attur m'ghandu l-ebda kapacita' processwali li jressaq f'ismu proprju din l-istanza u, ghalhekk, m'ghandu l-ebda interess guridiku f'din l-istanza. Fil-preparamenti ta' l-eventwali negotium, u kif ser jigi muri fil-kors tal-kawza, l-attur kien qed jidher dejjem bhala direttur, ghan-nom u in rapprezentanza ta' socjeta' kummercjali, bl-isem "Degabriele Fuels Limited [C56889]" u mhux f'ismu personali*."

Il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex persuna tkun tista' tipproċedi fil-Qorti b'kawża kontra persuna jew persuni oħra hija voluminuża. Fil-każ fl-ismijiet **Integrated-Capabilities (Malta) Ltd et vs Crowd Shout Holdings Ltd et** deċiż fil-31 t'Ottubru 2016 il-Qorti qalet hekk-

"*Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawza "**Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta**" din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk:-*

*"Illi l-Qorti tqis li meta wiehed ihares lejn is-siwi ta` eccezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess guridiku tal-parti attrici li ssostni l-kawza, wiehed irid izomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u mal-principji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu mehtieg biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd (Ara App. Civ. 13.2.1953 fil-kawza flismijiet **Manche` vs Montebello** (Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l azzjoni ma tistax twassal biex ipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik lazzjoni ma tistax tregi (P.A. 7.1.1953 fil-kawza fl-ismijiet **Camilleri vs Sammut** (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minhabba dan il-principju li ghadd ta` sentenzi cahdu l-jedd tal-azzjoni lil*

*min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni minghajr oggett materjali (Ara App. Civ. 8.6.1942 fil-kawza fl-ismijiet* **Cortis vs Bonello** *(Kollez. Vol: XXXI.i.218);*

*Illi, minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jintemm fixxejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza (App. Civ. 17.2.1993 fil-kawza fl-ismijiet* **Sammut et noe vs Attard** *(Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawza (Ara App. Civ. 3.12.1984 fil-kawza flismijiet* **Borg vs Caruana** *(Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-ghadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fir-Rikors Mahluf, ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat (Ara App. Civ. 12.12.1983 fil-kawza fl-ismijiet* **Ignazio Gatt vs Michael Debono et***).Illi l-interess mhux tabilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jezisti wkoll fejn jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew suggettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawza flismijiet* **Axiaq vs Mizzi noe et** *(Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku (App. Civ. 15.12.1932 fil-kawza fl-ismijiet* **Scolaro vs Bailey** *(Kollez. Vol: XXVII.ii.195);"*

*Hekk ukoll fis-sentenza li tat fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kawza "***MrBookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera***" din il-Qorti (PA/FS) qalet :-*

*"Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet* **Maria Tabone et vs Joseph Schembri***, deciza fit-30 ta` Jannar, 2007 qalet: "Dwar il-kuncett ta` l-interess*

*guridiku, jibda biex jinghad, li; Fil-kawza fl-ismijiet* ***Giulia Maria Millard vs George Said et noe*** *deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri [LXXIII-II-299] inghad li biex wiehed jista` jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine*** *deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l- Appell Superjuri fit-28 ta` Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess millkonvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.*

*L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta` l-atturi. (Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VoII p.588). Il-**Mattirolo** f`dan ir-rigward jispjega li :-*

*"L`azione compete soltanto e tutela dei diritti; l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d`altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` `injuria datum`, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."*

*Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta` l-azzjoni.Linteress irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cjoe jrid johrog*

*minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt. (Ara* ***Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe*** *deciza mill-Qorti ta` L-Appell fid-29 ta` Jannar 1997).*

*Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta` l-attwalita` talinteress f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, ilkonsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza* ***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard*** *Appell Civili datat 17 ta` Frar 1993. Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara* ***Axiaq vs Mizzi noe et*** *Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta` Ottubru 1952,* ***Scolaro vs Bailey****, Appell Civili deciz fil-15 ta` Dicembru 1932,* ***Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin****, Prim`Awla Qorti Civili deciz fit- 28 ta` Marzu 2003).*

*Dan il-principju gie ribadit fil-kawza* ***Falzon Sant Manduca vs Weale****, deciza mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta` l-attur, izda dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fejn la tista` tirbah il-kawza u lanqas tista` tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara* ***Lawrence Farrugia vs Joseph Fava*** *deciza millQorti ta` l-Appell fit-18 ta` Mejju 1995).*

*Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista` jghid li l-interess guridiku:*

*-irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta` jedd u jibqa` jezisti fil-kors kollu tal-kawza]*

*- irid ikun dirett*

*- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta` l-attur, u mhux biss interess]*

*- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*

*- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta` vantagg u utilita` - ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur*

*- il-kawza li jipproponi tkun tista` tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*

*- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir*

*- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista` jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv."*

*Illi fis-sentenza* ***Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et*** *(App. Civ. (Imh JSP) – 6 ta` Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta` lAppell sostniet :-*

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta` interess guridiku hija dik tal-**Mortara** li jghid li l-interess guridiku huwa `l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita` esistenza o violazione del diritto". Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista` tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih lattur ikun jista` jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta` l-awtorita`gudizzjarja."*

*Fil-kawza* ***Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal- Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta` l- Immigrazzjoni*** *(P.A. (JRM) 18 ta` Jannar 2001 – Cit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta` l-attur f`kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B`ta` lewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta` lezistenza ta` jedd u l-htiega li tilqa` ghal kull attentat ta` ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta` l-Appell fil-kawza flismijiet "***Falzon Sant Manduca vs Weale***", maqtugha fid-9 ta` Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***J. Muscat et vs R. Buttigieg et*** *(App. Civ. 27 ta` Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal: "L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri ddomanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-ezistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f`kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta` dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

*Fil-kawza deciza mill-Prim`Awla fit-2 ta` Mejju, 2002 fl-ismijiet* ***George Laferla et vs Joseph Lauri et*** *inghad li: "Huwa risaput li l-interess ta` l-attur f`kawza jrid jibqa` jissussisti matul il-hajja ta` l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista` tissokta (ara "***Calleja vs Micallef***" deciza mill-Qorti ta` l-Appell fl-1 ta`April, 1992, u "***Sammut vs Attard***" deciza wkoll mill-istess Qorti ta` l-Appell fis-17 ta` Frar, 1993).*

*Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess guridiku, irid jissussisti matul il-hajja ta` lazzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attrici naqas, il-konsegwenza*

*immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. (***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard****; App. Civ., 17.2.1993, Vol. LXXVII).*

*Illi f`sentenza ohra tas-17 ta` Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet* ***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard*** *qalet li: "l-interess guridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta` l-azzjoni".*

*Ta` l-istess portata kienet is-sentenza li tat din il-Qorti (PA/RCP) fis- 26 ta` April, 2012 fil-kawza "***Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et****" fejn inghad hekk :-*

*"Illi dwar in-nuqqas ta` interess guridiku tal-attur fil-mument li prezenta lkawza huwa rilevanti li jinghad li "biex wiehed jipproponi domanda f`gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz" ("***Beatrice Manche noe – vsMaria Montebello****" A.C. - 13 ta` Frar 1953), "b`mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi" ("***Giuseppe Camilleri et –vs Giuseppe Sammut et****" P.A. - 7 ta` Jannar 1953) u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista` jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta ("***Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et****" A.C. 27 ta` Mejju 1991; u "***Albert Calleja–vs Orazio Micallef****" A.C. - 1 ta` April 1992).*

*Fuq il-kuncett tar-rizultat vantagguz jew utli, ossija ta` l-utilita` guridika issir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet "***Veronica Farrugia et – vs Mary Buhagiar****" (A.C. - 2 ta` April 1993) u "***Joseph Attard et – vs Paul Baldacchin****o" (A.C. - 5 ta` Ottubru 2001)."*

**Ikkunsidrat**:

Elenkati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-kompitu tal-Qorti huwa li tevalwa jekk fid-dawl tat-talbiet magħmula minnu, ir-rikorrenti għandux l-interess ġuridiku meħtieġ biex jipproponi din l-azzjoni.

L-intimat jeċċepixxi li r-rikorrenti kien qiegħed jaġixxi għan-nom u fl-interess ta' Degabriele Fuels Ltd u li kull negozjati li kienu għaddejjin bejn il-partijiet qatt ma saru f'isem il-partijiet personalment. Tajjeb jingħad illi l-partijiet qatt ma waslu sabiex jilħqu ftehim b'mod formali dwar il-mod ta' kif kellu jiġi mmexxi n-negozju ta' bejniethom. Jirriżulta qbil illi għalkemm qatt ma ġie ffirmat ebda ftehim fil-fatt tħejjew diveri abbozzi dwar dak illi kellu jkun il-*Memorandum of Agreement*.

Mill-provi, partikolarment minn dawk imressqa mir-rikorrenti, jirriżultaw is-segwenti fatti:

1. E-mail tat-22 ta' Settembru 2012 fejn jingħad: "*This is the attachment for agreement between mr daniel farrugia & **degabrielle fuels ltd**.*" Din l-e-mail hija ffirmata minn **Darren Degabrielle Director De Gabrielle Fuels Ltd.**[3] (enfasi miżjuda)

2. Abbozz ta' Memorandum of Agreement datat 20 ta' Settembru 2012 bejn **DEGABRIELLE FUELS LTD** & DANIEL FARRUGIA.[4] (enfasi miżjuda)

3. E-mails datati 26 ta' Settembru 2012, 6 ta' Ottubru 2012, 7 ta' Ottubru 2012, 12 ta' Ottubru 2012, 24 ta' Ottubru 2012, 14 ta' Novembru 2012, 23

[3] Folio 37
[4] Folio 38.

ta' Novembru 2012 u 28 ta' Novembru 2012 ilkoll iffirmati minn **Darren Degabrielle Director De Gabrielle Fuels Ltd.**[5] (enfasi miżjuda)

4. E-mails li ma tidhirx id-data meta ntbagħtu iżda li waqt li jittrattaw l-istess suġġett in kwistjoni, huma lkoll iffirmati minn **Darren Degabrielle Director De Gabrielle Fuels Ltd**. (enfasi miżjuda)

5. E-mail bla data fejn jingħad: "*F kass li l kumpanijja **degabrielle fuels** u l-kumpanija darani investments, ma niffirmawx dak li huwa miftijeim u nkompli fuq l ftejiem li ghamilna*."[6] (enfasi miżjuda)

6. E-mail tat-28 ta' Novembru 2012 fejn jingħad: "*Tista tikkonferma ma dr Jhon bonello li l-**kumpanijja degabrielle fuels** ta cans bizzejjed sabiex daniel jipprovdi dak mwieghed usallum ma wasal xejn u ghalhekk ahna maghdniex f'pozizzjoni li nkomplu nidiskuta dak l ftejiem li kien hemm bil fomm*." (enfasi miżjuda)

7. Ittra Legali mingħajr data minbgħuta mid-difensur legali tar-rikorrenti għan-nom ta' **Degabriele Fuels Ltd**.[7] (enfasi miżjuda)

Applikati l-prinċipji legali għall-fatti kif jirriżultaw, il-Qorti ssib illi sa fejn jirrigwarda lir-rikorrenti, in-negozjati li kienu għaddejjin bejn il-partijiet għar-rigward in-negozju li kienu ser iwaqqfu bejniethom saru kollha minn Darren Degabriele għan-nom u in rappreżentanza ta' De Gabriele Fuels Ltd. Il-korrispondenza u l-abbozz tal-Memorandum of Agreement msemmija ma jħallu ebda dubju dwar dan.

[5] Folio 41-52
[6] Folio 57, 62, 69, 70-72, 73-78. Fost oħrajn.
[7] Folio 56

Dan premess, ir-relazzjoni ġuridika ġiet instawrata bejn De Gabriele Fuels Ltd u l-intimati jew min minnhom. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ssib illi r-rikorrenti Darren Degabriele *proprio* m'għandu ebda interess dirett, leġittimu, ġuridiku u attwali fil-konfront tal-intimati.

**Għaldaqstant il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari**.

Stabbilit dan, ma hemmx aktar il-ħtieġa għall-Qorti li tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-bqija tal-eċċezzjonijiet u t-talbiet u sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari.

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqja tal-eċċezzjonijiet u tat-talbiet kif dedotti.

3. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Dep. Reġ.**